MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 872/2003/1

**Michael u Jane konjugi Debono**

**v.**

**Bank of Valletta plc.**

**Il-Qorti:**
Rat ir-rikors ta' l-appellanti tal-31 ta' Jannar 2008, li permezz tieghu l-istess appellanti talbu li din il-Qorti tammettihom ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament;

Rat l-atti relevanti; semghet id-deposizzjoni tal-lum kemm ta' Michael Debono kif ukoll ta' martu Jane Debono;

semghet ukoll lid-difensuri tal-partijiet anke dwar il-probabilis causa litigandi;
Rat l-Art. 904 (1) tal-Kap. 12; peress li mhix sodisfatta li l-appellanti ma kellhomx mezzi sufficjenti biex jiddepozitaw il-kawtela, u anqas ma hi sodisfatta li llum m'ghandhomx tali mezzi, anzi hi sodisfatta li ghandhom mezzi xierqa biex, bi sforz minimu, jiddepozitaw il-kawtela;

U peress ukoll li din il-Qorti mhix sodisfatta li l-appellanti ghandhom probabilis causa litigandi;

Tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-ammissjoni ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------